



C/2025/4710

25.8.2025

Notifika preliminari ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12051 – TIKEHAU CAPITAL / CDC / CCIG / ALYSE GUYANE / AIRPORT OF CAYENNE-FELIX EBOUE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4710)

1. Fid-19 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Egis Airport Operation ("Egis", Franza), ikkontrollata minn Tikehau Capital SCA ("Tikehau", Franza),
- Caisse des Dépôts et Consignations ("CDC", Franza),
- Chambre de Commerce et d'Industrie de Guyane ("CCIG", Franza),
- Alyse Guyane (Franza), ikkontrollata mill-Collectivité Territoriale de Guyane ("CTG", Franza),
- L-ajruport ta' Cayenne-Félix Eboué (l- "Aéroport", Franza), attwalment ikkontrollat mis-CCIG.

Egis, CDC, CCIG u Alyse Guyane jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Aéroport kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

- Egis hija attiva fil-ġestjoni u l-operat tal-ajruporti, prinċipalment fl-Ewropa u fl-Afrika. Il-kumpanija omm tagħha, Tikehau, hija manigġer u investitur internazzjonali tal-assi (l-Ewropa, l-Asja, l-Amerika ta' Fuq),
- CDC hija istituzzjoni pubblika Franċiża bi status legali speċjali. CDC u s-sussidjarji tagħha jwettqu kompiti ta' interess ġenerali b'appoġġ għall-politiki pubbliċi mmexxija mill-Istat u l-awtoritajiet lokali u jwettqu attivitajiet miftuħa għall-kompetizzjoni fis-setturi ambjentali, tal-enerġija, tal-proprjetà immobbli, tal-investiment u tal-kapital u tas-servizzi,
- CCIG hija istituzzjoni amministrattiva pubblika ekonomika taħt is-superviżjoni tal-Istat u amministrata minn manigġers ta' kumpaniji eletti mill-pari tagħhom.
- Alyse Guyane hija kumpanija ta' investiment li għandha l-għan li tappoġġa l-ekonomija tal-Guyana permezz ta' investimenti ta' ekwità f'intrapriżi żgħar ħafna, żgħar u ta' daqs medju, intrapriżi lokali.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-Aéroport huma dawn li ġejjin: ajruport internazzjonali li jinsab fid-dipartiment Franċiż tal-Guyane.

4. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ⁽²⁾, għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160 tal-5.5.2023, p. 1.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li gejjja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12051 — TIKEHAU CAPITAL / CDC / CCIG / ALYSE GUYANE / AIRPORT OF CAYENNE-FELIX EBOUE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

L-indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffé des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE
